MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2015

Numru. 564/2005

**Il-Pulizija**

**(Spt. Josric Mifsud)**

**vs**

**Mark Lombardi**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Mark Lombardi** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 482778M;

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer matul ix-xahar ta' Dicembru, 2003, u sena qabel din id-data go San Giljan u fi bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti;

a. Assocja ruhu flimkien u/jew ma xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-gzejjer jew barra minn dawn il-gzejjer sabiex jbiegh jew jittraffika droga ristretta u psikotropika (esctasy) f'dawn il-Gzejjer, kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ippromova jew ikkostitwa, organizza, jew iffinanzja l-assocjazzjoni u dan bi ksur tal-artikoli 120A (1)(f), Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Talli biegh jew offra li jbiegh droga ristretta u psikotropika (ecstasy), kontenenti s-sustanza (methlenedioxyamphetamine) li hija kkontrollata u ristretta bil-ligi taht it-tielet skeda, parti (a) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-ligijiet ta' Malta, meta ma kellu l-ebda awtorizazzjoni u permess bl-imsemmija ligi, sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

c. Ukoll talli fl-istess zmien data u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40(A) u 120(A) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat.

d. Ukoll talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

e. U talli minghajr licenzja moghtija mill-Awtorita’ kompetenti, ghamel kummerc ta’ istituzzjoni FInanzjarja f’Malta jew minn Malta minghajr licenzja mill-Awtorita’ kompetenti u cioe’ sellef flus bl-imghax lil diversi persuni, dan ir-reat sar bi ksur ta’ l-Artikolu 3 ta’ l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, Att Nru XXII ta’ l-1994.

f. Ukoll talli xjentement kien parti fl-ghemil, jew ipprokura jew ghen jew hajjar l-ghemil ta’ xi reat taht is-subartikolu (1) ta’ l-Att XXII ta’ 1994 dwar lstituzzjonijiet Finanzjarji, dan bi ksur ta’ l-Artikolu 22(2) ta’ l-Att XXII ta’ l-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni tal-avukat generali skond il-Kapitolu 101 u l-Kapitolu 31 tal-ligijiet ta' Malta sabiex l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu;

Rat il-kontra ordni tal-istess avukat generali tat-13 ta' Marzu 2012 skond l-Kapitoli 101 u 31 sabiex l-imputat ikun processat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provvedimenti tal-Ordinanzi;

Rat l-ittra ta' *nolle prosequi* tal-avukat generali tat-22 ta' Lulju 2008 (fol 174) li permezz taghha l-avukat generali ddikjara li ma kienx ser jaghti l-kunsens tieghu fit-termini tal-artikolu 22(5) tal-Kapitolu 376 fir-rigward tal-akkuzi enumerati (e) u (f) u x-xhieda tal-ispettur Victor Aquilina tas-6 t'Ottubru 2008 (fol 172) li permezz taghha ddikjara li kien qed jirtira l-istess akkuzi fuq pariri tal-avukat generali;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-akkuzi kontra l-imputat jirrisalu ghall-fatti allegatament kommessi fis-sena 2003 in konnessjoni ma' pussess u traffikar ta' droga. L-imputat, impjegat ta' bank kummercjali, huwa akkuzat li traffika fid-droga ristretta u psikotropika (ecstasy) kif ukoll b'pussess ta' droga kokajina u li silef flejjes minghajr il-licenzji mehtiega mill-awtoritajiet kompetenti. Din l-ahhar akkuza, ossia zewg akkuzi kienu rtirati mill-prosekuzzjoni kif gia senjalat *supra*. Il-gudizzju kontra l-imputat kien soggett ghall-istennija ta' proceduri ohra ta' natura kostituzzjonali u ghalhekk ha zmien forsi aktar minn dak deziderat sabiex ikun konkluz. A propozitu ta' dan, jokkorri opportun illi f'dan l-istadju jkun senjalat illi b'rizultat ta' proceduri kostituzzjonali, zewg stqarrijiet tal-imputat ezebiti in atti mill-prosekuzzjoni ser ikunu mwarrba minn din il-Qorti daqs li kieku qatt ma kienu esebiti u qatt ma inghataw mill-imputat;

L-imputat kien arrestat mill-pulizija in segwitu ta' informazzjoni moghtija lilha illi f'Tas-Sliema kien hemm xi zghazagh li kienu qed *ihawdu* fid-droga. Ghalhekk il-pulizija ghaddiet biex tarresta lill-imputat flimkien ma' certu Stanley Isles u lil Dirk Debono. Stanley Isles kien iddikjara mal-pulizija li kien jottjeni pilloli tal-ecstasy minghand l-imputat. Debono kien ammetta uzu tal-istess sustanza izda ma kienx zvela minghand min kien jixtri. Stanley Isles kien ikkonferma l-istqarrija tieghu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti (proces verbal esebit a fol 12 *et seq*);

Stanley Mark Isles xehed quddiem din il-Qorti wara li kienu konkluzi l-proceduri kontra tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghall-pussess u traffikar ta' droga ghal liema imputazzjonijiet kien instab hati u wehel piena karcerarja ta' xahrejn skond l-istess xhud. Quddiem din il-Qorti, Stanley Isles xehed illi kien jixtri d-droga minghand l-imputat izda ghalkemm lill-ispettur li investiga l-kaz kien qallu li gieli xtara 50 pillola

issa rritratta u spjega li b'kollox kien xtara 50 pillola fuq medda ta' diversi okkazjonijiet minghand l-imputat;

Il-prosekuzzjoni imbaghad ressqet lil certu Olena Trevia wara opposizzjoni mill-imputat liema opposizzjoni kienet michuda. Olena Trevia hija persuna li fil-passat kellha relazzjoni mal-imputat u flimkien kellhom tarbija li kif jixhed l-inkartament kienet suggett ta' battalja legali ghall-kura u kustodja taghha. Din ix-xhud qalet diversi hwejjeg dannegjanti fil-konfront tal-allegat operat tal-imputat fit-traffikar tad-droga meta kienet tghix mieghu. Dawn jistghu jkunu hawn riprodotti izda l-Qorti thoss li jkun ezercizzju inutili ghaliex il-verzjoni ta' din ix-xhud hija aflitta minn pregudizzju serju kif gia kellha okkazjoni tirrimarka l-Qorti tal-Familja meta akkordat il-kustodja tal-minuri f'idejn l-imputat. Dik il-Qorti kienet ssenjalat is-segwenti: *Il-Qorti tissenjala in partikolari li fil-kors ta' dawn il-proceduri r-rikorrenti ghamlet minn kollox biex tipprova tiddemonizza lill-intimat (u lil missieru)* [ufficcjal tad-Dwana] *u dan b'diversi allegazzjonijiet li l-parti l-kbira taghhom jibqghu semplici allegazzjonijiet, u li xi whud minnhom – bhal, per ezempju, li missier l-intimat ipprova jqabbad il-vizzju tax-xorb tal-birra lill-minuri in kwistjoni – huma addirittura assurdi* (Ara Digriet 1180/2005 tat-22 t'Awissu 2005 a fol 57 u 58). Din ix-xhud spjegat kif l-imputat kien izomm rendikont tat-transazzjonijiet tieghu fuq djarju li malli kien intercettat mill-pulizija qaccat pagni minnu li kienu inkriminanti. Wara din ix-xhieda, l-prosekuzzjoni esebiet dan id-djarju li huwa intatt fl-intier tieghu fejn hemm biss pagna wahda biss b'erba ismijiet ta' Jason, PhD, Stan u Potty b'cifri magenbhom u dan fuq il-pagna ta' qabel l-1 ta' Jannar. L-bqija huwa prattikament vojt ghajr ismijiet u numri tat-telefon fl-indici fuq wara;

Inoltre irid jinghad illi l-imputat ressaq dokumentazzjoni biex jiskredita lil din ix-xhud, dokumentazzjoni din li turi lix-xhud fuq *dating website* f'posizzjonijiet xejn denji ta'

omm. Ressaq ukoll rapport ta' social worker (fol 324) li juri li kull darba li din kellha inkontru max-xhud kienet tbiddel il-verzjoni taghha anke waqt l-istess seduta. Hwejjeg dawn li juru jinducu lil din il-Qorti twarrab il-verzjoni ta' din ix-xhud fl-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja ghaliex motivata biss bi hsiebjiet ulterjuri;

L-imputat ghazel illi jixhed quddiem din il-Qorti u cahad kull akkuza dedotta kontra tieghu u kull konnessjoni ma' droga. Huwa spjega kif minkejja li l-pulizija ma sabu xejn relatat mal-uzu jew traffikar tad-droga fir-residenza tieghu, u kien hu stess li indikalhom li ghandu flat fil-Gwardamangia u anke hemm ma rrizulta xejn wara tfittxija intensiva. Spjega ukoll illi l-allegazzjonijiet tal-ex siehba tieghu kienu kollha invenzjonijiet maghmula ghal skop ta' vendikazzjoni;

Ezaminat dan kollu din il-kawza tippernja fuq il-verzjoni ta' xhud tal-prosekuzzjoni Stanley Isles kontra dik tal-imputat. Opportunament jinghad illi din il-Qorti kienet ordnat l-isfilz tat-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta' Stanley Isles ghaliex wara li ddepona kien telaq minn dawn il-Gzejjer definittivament minghajr ma kien sarlu l-kontro-ezami. Inoltre l-Prosekuzzjoni ma provdietx kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati moghtija kontra Stanley Isles fejn seta' jkun ezaminat jekk kien ibbenefika minn riduzzjoni fil-piena billi zvela l-persuna minghand min allegatament kien jixtri id-droga. Dan huwa fattur importanti ghaliex irid jittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti fil-process biex temmen jew le lix-xhud meta jippunta subaghajh fid-direzzjoni tal-imputat. Fi kwalunkwe kaz, il-verzjoni ta' dan ix-xhud qed tkun skartata la darba sfilzata minn din il-Qorti;

B'hekk jifdal il-verzjoni tal-imputat li ma kellux ghalfejn jixhed biex jipprova l-innocenza tieghu. Issa ezaminati l-fatti kollha tal-kaz ma hemm xejn li jista'

remotament jorbot lill-imputat mal-akkuzi dedotti kontra tieghu u ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma tistghax issib htija fih;

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------